**26 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Anthony Vella

*versus*

Mario Callus *noe*

**Artikoli 1407, 1431 - Kodiċi Ċivili - Preskrizzjoni - Kwalità**

## Pattwita - Difetti Latenti

*It-trattattivi li jkun hemm bejn iż-żewġ kontraenti waqt id-denunzja taż-żmien ma jistgħux ikollhom effikaċja interuttiva jekk filwaqt li jkun għaddej iż-żmien, il-venditur ma jkunx irrikonoxxa u ma jkunx ikkuntrasta l-eżistenza tal-vizzju. It-terminu in kwistjoni huwa wieħed ta' dekadenza u għalhekk trattattivi mhux idonei biex jimpedixxu d-dekadenza.*

*Minħabba li kien l-attur stess li biddel fehmtu dwar kif kellhom jinfetħu t-twieqi, ma setax jingħad li l-oġġett ma kienx tal-kwalità pattwita.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi skond ftehim magħmul bejn il-kontendenti fit-tletin ta' April ta' l-elf, disa' mija u disgħin (30.04.90) il-partijiet ftehmu dwar ix-xiri da parti ta' l-attur ta' serer sabiex jiġu stallati f'art proprjetà ta' l-attur (dok. A);

Premess illi skond l-ispeċifikazzjonijiet miftehma dawn is-serer kellu jkollhom "twieqi fis-saqaf ma' tulu kollu li jinfetħu bl-elettriku";

Premess illi dawn is-serer ġew ikkonsenjati lill-attur li mmontahom fl-art tiegħu skond l-istruzzjonijiet mogħtija lilu;

Premess illi rriżulta illi dawn is-serer ma kellhomx it-twieqi jinfetħu kif miftehma;

Premess illi inoltre riċentement dawn is-serer bdew juru diversi difetti u nuqqasijiet ta' kwalitajiet pattwiti f'partijiet diversi tagħhom, liema difetti ma kinux jidhru fil-mument tal-

konsenja;

Premess illi saru tentattivi għal transazzjoni anke da parti tal-konvenut li ġabu espert tad-ditta manufattriċi, iżda l-partijiet ma laħqu ebda ftehim stante li issa l-konvenut *nomine* beda jattribwixxi dawn id-difetti għal nuqqas ta' stallazzjoni korretta *u użu skorrett;*

Premess illi l-attur irid li jiġi kkumpensat sew minħabba fin-nuqqas tal-kwalità pattwita rigward it-twieqi u kif ukoll minħabba d-difetti msemmija;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li s-serer ikkonsenjati lill-attur ma għandhomx il-kwalità miftehma billi ma għandhomx twieqi li jinfetħu bl-elettriku;

Tiddikjara ukoll li s-serer mibjugħa mill-konvenut *nomine* lill-attur fihom diversi difetti li kienu moħbija fid-data tal-konsenja u li saru apparenti dan l-aħħar, u liema difetti jnaqqsu l-valur u l-utilità tagħhom;

Tistabbilixxi l-kumpens ġust pagabbli lill-attur mill-konvenut sew minħabba li t-twieqi mhumiex kif miftiehem;

Tiffissa ukoll dik il-parti mill-prezz li għandha titħallas lura mill-attur konsegwenti għat-tieni talba fit-termini ta' l-artikolu elf, erba' mija u seba' u għoxrin (1427) tal-Kodiċi Ċivili;

Tistabbilixxi dik il-parti mill-prezz li għandha tiġi mħallsa lura lil-attur mill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu elf, erba'

mija u seba' u għoxrin (1427) tal-Kodiċi Ċivili;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas lill-attur l-ammonti hekk iffissati;

*Omissis*;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* a fol. 11, 21 fejn eċċepixxa illi:

Preliminarjament u bla preġudizzju illi l-ewwel u t-tielet talba huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili;

Preliminarjament u bla preġudizzju illi t-tieni, r-raba' u l-ħames talab huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi bla preġudizzju u fil-meritu kien l-istess attur illi wara li għamel l-ordni oriġinali dwar iż-żewġ serer sabiex ikollhom twieqi li jinfetħu bl-elettriku, sussegwentement u bi ftehim mal-konvenut *nomine* ddeċieda li l-muturi relattivi ma jiġux ordnati tant illi l-prezz ta' serra minnhom ġie bonarjament ridott minn Lm6,400 għal Lm5,730, filwaqt li l-prezz tas-serra l-oħra ġie ridott minn Lm5,950 għal Lm5,320 (dok. A u dok. B). Dawn il-prezzijiet, kif ridotti bi ftehim, fil-fatt tħallsu mill-attur bejn Ġunju 1990 u Marzu 1991 (dok. C u dok. I) u minn dakinhar sal-lum l-attur qatt ma lmenta li kellu dawn il-muturi neqsin;

Illi bla preġudizzju s-serer in kwistjoni ma kienu afflitti minn ebda difett latenti fil-mument tal-konsenja;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

Il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni (ara fol. 33);

L-attur qed jitlob li jiġi ddikjarat li s-serer ikkonsenjati lill-attur mhumiex tal-kwalità pattwita billi m'għandhomx twieqi li jinfetħu bl-elettriku u li s-serer mibjugħa lill-attur fihom diversi difetti latenti;

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut eċċepixxa li l-ewwel (1) u t-tielet (3) talba (talba għal dikjarazzjoni li s-serer ikkonsenjati mhumiex tal-kwalità pattwita, Sec. 1390, Kap. 16) huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili (ta' sentejn);

U fit-tieni eċċezzjoni eċċepixxa li t-tieni (2), ir-raba' (4) u l-ħames (5) talba (talba għad-dikjarazzjoni li s-serer fihom diversi difetti latenti sec. 1424, Kap. 16) huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili ta' sena u ta' sitt xhur;

**L-artikolu 1407** jipprovdi li:

"L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef għeluq **sentejn** minn dakinhar tal-

kuntratt";

**L-artikolu 1431** jipprovdi li:

"L-azzjoni redebitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma **immobbli**, bl-għeluq ta' **sena** minn dakinhar tal-kuntratt u għal dawk li huma ħwejjeġ **mobbli**, bl-għeluq ta' **sitt xhur** minn dakinhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa";

Dina l-kawża ġiet ippreżentata fil-ħamsa (5) ta' Ottubru, 1993, u ċjoè qabel ma ġie emendat l-artikolu 1431 li kien japplika preskrizzjoni ta' xahar u mhux ta' sitt xhur kif ġie emendat illum. Il-kawża ġiet ippreżentata qabel dawn l-emendi. Għalhekk japplika l-perijodu preskrittiv ta' xahar viġenti meta ġiet ippreżentata l-kawża;

Skond il-ġurisprudenza: *La prescrizione stabilita nella disposizione di legge può essere interrotta colla* ***ricognizione del vizio per parte del venditore****; ma non equivalgono a tale ricognizione le* ***trattative che egli fa bonariamente col compratore e senza riconoscere il vizio occulto****;*

It-trattativi li jkun hemm bejn iż-żewġ kontraenti waqt id-dekorrenza taż-żmien, biex jirranġaw jew jirrisolvu l-kwistjoni, ma jistgħux ikollhom effikaċja interruttiva, ammenokkè bħala effett u fil-kors ta' dawk it-trattattivi u filwaqt li jkun għaddej iż-żmien, il-venditur ma jkunx **irrikonoxxa, u ma jkunx ikkuntrasta l-eżistenza tal-vizzju**, b'mod li, biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tiegħu proposta wara d-dekors taż-żmien jeħtieġlu jipprova illi huwa, fiż-żmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-ħaġa, u li dan, f'dak iż-żmien, ipprometta li jieħu l-ħaġa lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntestax l-eżistenza tal-vizzju. U r-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-

venditur, biex jissospendi d-dekadenza ta' l-azzjoni redibitorja, irid ikun ċar, formali, espliċitu, inkondizzjonat (ara ġurisprudenza kkwotata fin-noti tal-partijiet);

Fil-każ in eżami l-Qorti wara li eżaminat ix-xhieda prodotta tasal għall-konklużjoni li l-konvenut, waqt it-trattattivi, ma rrikonoxxiex li jeżistu xi difetti u lanqas ma aċċettta li jirranġahom;

Il-konvenut xehed li l-attur kien xtara serra fl-1989 (kuntratt 4/7/89) u żewġ serer fl-1990 (kuntratt 30/4/90 - dok. A). Konsenja minnhom saret f'Ġunju 1990 u l-oħra jidhirlu li saret qabel. Il-kawża tal-lum qiegħda ssir fuq is-serer ikkonsenjati f'Ġunju. Meta l-attur beda jilmenta, xi sentejn/tliet snin wara, il-konvenut beda jindaga x'kienu dawn l-allegati difetti. Lilu rriżultalu li dawn ma kinux tort tal-manifattura u għaldaqstant ma setax jaċċetta li jassumi responsabbilità li jirranġa dawk id-difetti. Huma qatt ma assumew, qatt m'aċċettaw responsabbilità. Qatt ma aċċettaw li s-serer fihom xi difett (fol. 40). Hu ried ikun sodisfatt li s-serer ma fihomx difetti. It-tekniku li kien ħa miegħu kien qallu li s-serer ma fihomx difetti u għalhekk ikkonferma l-konklużjoni tiegħu li ma setax jaċċetta responsabbilità. Skond l-ittra a fol. 62 iddatata ħmistax (15) ta' Lulju, 1993 tal-konvenut, hemm: "*Based on what I have seen, and on the expert opinion of Mr. Tuckwell, I confirmed the opinion that none of your claims are valid*";

Vella kien beda jilmenta mal-konvenut wara li kien għadda t-terminu preskrittiv. L-attur beda jikkomplejna xi sentejn wara li l-konsenja ta' Ġunju. Fin-nota tiegħu l-attur issottometta li hu ma setax jieħu passi sakemm il-konvenut aċċetta r-responsabbilità. Kull azzjoni qabel kienet tkun intempestiva. Iżda kif diġà ġie osservat il-konvenut fl-ebda mument ma aċċetta r-responsabbilità għalhekk ma kienx hemm interuzzjoni

jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Dan apparti l-fatt li t-terminu in kwistjoni hu wieħed ta' dekadenza u għalhekk trattattivi mhumiex idonei biex jimpedixxu d-dekadenza;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-allegat difett tfaċċa u l-attur induna bih aktar minn sentejn qabel ġiet intavolata l-kawża fil-ħamsa ta' Ottubru, 1993 (5/10/93). L-ewwel ittra bl-avukat kienet fid-disa' ta' Marzu, 1994 (9/3/93) (fol. 60);

Dwar il-kwistjoni l-oħra li l-ewwel serra ma kinitx tal-kwalità pattwita, il-konvenut xehed li fil-kuntratt oriġinali t-twieqi kellhom jinfetħu bl-elettriku, iżda meta kienu ser iġibu s-serer minn barra rriżulta li l-attur ma kellux elettriku *on site* u Vella talab li dawn ma jġibuhomx ta' l-elettriku u fil-fatt il-prezz naqas *pro rata* (Lm1,300 anqas). Vella ma kkontestax dina x-xhieda. Ara ukoll ix-xhieda ta' Dandria. Ma jistax jingħad li s-serer ma kinux tal-kwalità pattwita. Apparti dana l-attur kellu sentejn minn meta xtrahom ċjoè minn Ġunju 1990 biex jaġixxi iżda l-kawża saret biss fil-ħamsa ta' Ottobru, 1993 (5/10/93) - Għalhekk dina t-talba ukoll hija preskritta;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż konntra tiegħu.